MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 2054/1999/1

**Manfred Krebs fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju ta' l-assenti Ronnie Stenschke kif debitament awtorizzat bi prokura specjali**

**vs**

**Kai u Fiorentina konjugi Jochimsen**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi huwa hallas indebitament lill-konvenut Kai Jchimsen is-somma ta' elf u hames mitt lira maltin (Lm1500) ghal servizz legali li kellu jinghata mill-istess Kai Jochimsen

f'Malta meta dan ippresta lilu nnifsu bhala Avukat meta fil-fatt m'ghandux il-warrant biex jipprattika ta' Avukat fil-Gzejjer Maltin u meta ma tah l-ebda servizz in konnessjoni ma' xoghol li kellu jsir Malta.

Illi din is-somma ta' Lm1500 thallset indebitament u ghandha tigi rifuza lill-attur nomine.

Illi l-konvenuti gew interpellati biex jirrifondu s-somma mhallsa indebitament oltre l-imghax legali mis-27 ta' Frar 1999 pero' baqghu inadempjenti.

Ghalhekk l-attur nomine qed jitlob, prevja kwaliasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensati mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Proceduri Civili, l-konvenuti jigu kundannati jirrifondu lill-attur nomine l-imsemmija somma ta' Lm1500, oltre l-imghax legali mis-27 ta' Frar 1999 ta' flus, u li thallsu ghal servizz legali li kellu jinghata mill-konvenut f'Malta meta dan ippresta lilu nnifsu bhala Avukat meta fil-fatt m'ghandux il-warrant biex jipprattika ta' Avukat fil-gzejjer Maltin u meta ma ta ebda servizz in konnessjoni ma' xoghol li kellu jsir Malta.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Settembru 1999 u tal-mandat ta' qbid numru 4173/1999 u tal-mandat ta' sekwestru numru 4174/1999 u inoltre l-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tal-istess attur nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Jochimsen fejn gie eccepit:-

Illi preliminarjament l-azzjoni in dizamine kif promossa hija nulla u bla effett ai termini ta' l-artikolu 789(1)(d) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili stante illi l-attur nomine naqas li jiproduci prokura specjali tal-assenti Ronnie Stenschke flimkien mac-citazzjoni kif titlob il-ligi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur nomine naqas ukoll li jindika liema dispozizzjoni tal-ligi allegatament kiser il-konvenut Kai Jochimsen meta tah servizzi legali f'Malta.  Fil-fatt m'hemm l-ebda ligi li tipprojbixxi lil avukat barrani li jaghti servizzi legali fil-Gzejjer Maltin.

Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-attur nomine huma nfundati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-somma ta' elf u hames mitt lira maltin (Lm1,500) kienu nghataw mill-attur nomine lill-konvenut Kai Jochimsen bi ftehim bejn l-istess partijiet, bhala hlas ghal servizzi ta' konsulenza u in parti ghall-hlas ta' servizzi legali moghtija mill-istess Kai Jochimsen f'Malta in konnessjoni ma' xoghol li sar kemm f'Malta kif ukoll il-Germanja.

Illi ghallhekk it-talbiet ta' l-attur nomine ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Jannar 2000 minn fejn jirrizulta li nghata dikriet fejn gie ordnat li dawn il-proceduri jtmexxu bil-lingwa ingliza stante li z-zewg partijiet ma jifhmux bil-malti. Fl-istess verbal il-konveut iddikjara li l-professjoni tieghu hi ta’ avukat u li fil-fatti reltati ma din il-kawza huwa agixxa bhala avukat u l-attur assenti Ronnie Stenechke kien il-klijent tieghu. Fl-istess verbal l-attur nomine ddikjara li jaqbel ma dan kollu li gie dikjarat mill-konvenut. Dejjem mill-istess verbal jirrizulta li l-konvenuti

irtiraw l-eccezzjoni preliminari taghhom rigwardanti l-mandat moghti lill-attur nomine sabiex issir din il-kawza.

Rat in-nota tal-attur nomine tat-22 ta' Frar 2000 fejn gew indikati l-artikoli tal-ligi li fuqhom hi bbazata din il-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' April 2000 minn fejn jirrizulta li l-partijiet qabblu li l-konvenut ma kellux licenzja, permess jew xi "warrant" biex jesercita l-professjoni ta' avukat f'Malta. Inoltre fl-istess verbal l-attur nomine ddikjara, b'referenza ghall-imsemmija nota tat-22 ta' Frar 2000, li l-artikoli tal-Kodici tal-Procedura imemmijin fl-istess nota mhux applikabbli ghal din il-kawza, pero' l-artikoli tal-Kodici tal-Pulizija indikati fl-istess nota huma applikabbli ghall-kaz.

Semghet lil-attur Ronnie Stenshke.

Semghet lill-konvenut Kai Jochimsen.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tal-attur nomine.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Din il-kawza qed issir minnn Manfred Krebs bhala mandatarju specjali tal-assenti Ronnie Stenschke. Krebs stess iddikjara li gie awtorizat minn Stenschke biex jipprocedi kontra l-konvenuti permezz ta' prokura specjali. In effett l-eccezzjoni tal-kovenuti dwar il-mod kif inghata dan il-mandat lill-attur nomine giet irtrata mill-istess konvenuti u kwindi l-Qorti mhux ser tkompli tesamina din il-kwestjoni.

Fic-citazzjoni l-attur Stenchke jallega li huwa hallas indebitament lill-konvenuti s-somma ta' elf u hames mitt

lira maltin (Lm1500). Skond l-attur l-imsemmi ammont thallas ghal servizz legali li l-konvenut Kai Jochimsen ppresta a favur tal-istess attur gewwa Malta, meta, skond l-attur, il-konvenut ma kienx licenzjat, jew ahjar, ma kellux il-"warrant" necesarja biex jippresta tali servizzi legali gewwa Malta.

L-attur ikompli jallega li dawn is-servizzi legali li gew prestati lilu mill-konvenut ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' xi xoghol li kellu jsir f'Malta. Ghal dawn ir-ragunijiet l-attur nomine jsostni li l-imsemmija somma thallset lill-konvenuti indebitament u kwindi qed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jirrifondu l-ammont in kwestjoni bl-imghaxxijiet kollha legali mis-27 ta' Frar 1999.

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, kif gia rilevat, giet irtirata. Il-konvenuti inoltre qed jecepixxu li l-attur nomine naqas milli jindika liema dispozizzjoni tal-ligi allegatament kiser l-imsemmi konvenut. F'dan ir-rigward il-konvenuti jissottomettu li ma hemm l-ebda ligi li tipprojbixxi lil avukat barrani li jaghti servizzi legali fil-Gzejjer Maltin. Fil-meritu l-konvenuti jeccepixxu li l-partijiet kienu ftehemu li l-attur nomine ihallas lill-konvenuti l-ammont in kwestjoni bhala hlas ghal servizzi ta' konsulenza u in parti ghal servizzi legali moghtija lill-konvenuti in konnessjoni ma' xoghol li sar kemm f'Malta kif koll il-Germanja.

**Fatti**

Il-fatti li jirrizultaw u li huma rilevanti ghall-finijiet tal-presenti sentenza huma s-segwenti:-

a) L-attur Ronnie Stenschke, ta' nazzjonalità Ġermaniża, kellu l-intenzjoni li jespandi n-negozju tiegħu ġewwa Malta, u staqsa lil Manfred Crabbs għal avukat sabiex jiggwidah f'dan ir-rigward. Manfred Crabbs laqqgħu mal-avukat tiegħu stess, u ċioe l-konvenut Kai Jochimsen. Għas-servizz li tah l-imsemmi konvenut l-attur ħallas is-somma ta' elf u ħames mitt lira Maltin (Lm 1500). Vide Dokument "RS3" a fol 24, liema dokument gie konfermat mill-istess konvenut (fol.33).

b) L-attur xehed illi l-konvenut, sussegwentement, talbu somma ulterjuri ta' Lm600 għal xogħol ieħor u f'dan ir-rigward gie presentat id-dokument li gie markat bħala "RS4" (fol.25) u li gie ukoll ikkonfermat mill-konvenut bħala fattura rigwardanti servizzi li huwa wettaq hawn Malta għall-attur.

c) Hawn kien hemm dizgwid bejn il-partijiet peress li l-attur sar jaf minn terzi li l-konvenut ma kellux il-permess li jippratikka l-professjoni ta' avukat ġewwa Malta. L-attur ghalhekk talab lill-konvenut sabiex jaghtih dettalji preċiżi dwar is-somma ta' elf u ħames mitt lira Maltin (Lm1,500), li l-attur kien gia hallas lill-konvenut. L-attur hass li l-imsemmija somma gia mhallsa kienet waħda esaġerata. L-attur informa lill-konvenut li kien lest jibda proċeduri l-qorti dwar dan. Sar attentat biex tinstab soluzzjoni amikevoli u f'dan ir-rigward l-attur issuggerixxa li l-konvenut iħallas lura nofs is-somma in kwestjoni cioe' jhallas lura s-somma ta' Lm750. Il-konvenut aċċetta, pero' l-attur kellu jirritorna l-invoice oriġinali, kif fil-fatt ghamel.

d) Sussegwntement il-konvenut informa lill-attur (vide dokument "RC5" – fol.27) li minflok Lm750 kien ser iħallsu s-somma ta' sitt mija u wieħed u għoxrin lira Maltin (Lm621). In effett l-attur aċċetta li jirċievi din is-somma kif imnaqqsa, pero' l-konvenut naqas li jhallas anke dan l-ahhar ammont.

Ghandu jigi notat f'dan l-istadju li bil-preżenti kawża, l-attur qiegħed ifittex lill-konvenut għas-somma totali li kienet giet oriġinarjament imħallsa minnu u cioe' s-somma ta' elf u ħames mitt lira maltin (Lm1500) u mhux is-somma li fuqha sussegwentament intlaħaq ftehim bejn il-partijiet u li kellha tiġi rifuża u ċioe is-somma ta' sitt mija u wieħed u għoxrin lira maltin (Lm621).

**Konsiderazzjonijiet legali.**

Il-konvenuti qed jeccepixxu li l-attur nomine naqas milli jindika, fic-citazzjoni, liema huma d-dispozizzjoni tal-ligi li allegatament kiser il-konvenut Kai Jochimsen. Bin-nota, fol 14, l-attur indika dawn l-artikoli pero sussegwentament, huwa ddikjara li l-artikoli tal-Kodiċi tal-Pulizija biss li huma imsemmija fl-istess nota, huma applikabbli ghal din il-kawza. Ghalhekk jidher li l-attur nomine qed jikkontendi li l-konvenut huwa projbit milli jagħti servizzi legali hawn Malta a bazi tad-disposizzjoniiet tal-artikoli tal-Kap 10 (Kodici tal-Puizija) tal-Liijiet ta’ Malta. L-atur nomine qed jippretendi li s-servizzi legali li gew ipprovduti lilu mill-konvenut m’ghandhomx jithsalllsu ghaliex mhux legalment dovuti.

Ir-referenza tidher li hi ghall-artikolu 42 tal-imsemmi Kapitolu 10 li testwalment jipprovdi li l-kelma ‘ħottab’ tfisser “kull persuna li filwaqt li ma jkunx avukat jew prokuratur legali jew nutar pubbliku kwalifikat kif imiss skond il liġijiet ta’ Malta, jindaħal, bi ħlas ta’ xi dritt, rigal jew rimunerazzjoni sew bi flus jew bi ħwejjeġ oħra, jew b’xi tpattija oħra, li jagħmel xi waħda mill-ħwejjeġ li ġejjin:-

(a) li jabbozza jew iħejji, ħlief fuq ordnijiet diretti u fuq ir-responsabbiltà ta’ avukat jew ta’ prokuratur legali jew ta’ nutar pubbliku, xi affidavit, testment, kuntratt ta’ bejgħ, kuntratt ta’ ċens jew ta’ kiri, trasferiment, transazzjoni, wegħda ta’ bejgħ, jew xi kuntratt ieħor jew kitba privata oħra jew xi rikors ġuramentat jew libell jew nota ta’ eċċezzjonijiet jew petizzjoni jew risposta jew rikors jew xi dokument ieħor ġudizzjarju jew extra ġudizzjarju;
(b) li jagħti lil xi persuna parir legali, sew bil-fomm jew bil-miktub;
(ċ) li jfittex klijenti għal xi avukat jew prokuratur legali jew nutar pubbliku.

L-artikolu 43 tal-istess Kapitolu jistipula illi “jagħmel reat kull min - (a) jagħmilha ta’ ħottab għal xi avukat jew

prokuratur legali jew nutar pubbliku jew għall-qligħ tiegħu nnifsu; jew (b) iħajjar jew jagħmel mill-aħjar biex iħajjar xi klijent jew min ikun bil-ħsieb li jkun klijent ta' xi avukat jew ta' xi prokuratur legali jew ta' xi nutar pubbliku li ma jibqax klijent ta' dak l-avukat jew prokuratur legali jew ta' xi nutar pubbliku sabiex isir klijent tal-avukat jew prokuratur legali jew nutar pubbliku li miegħu l-ħottab ikun segretarju, skrivan, jew impjegat f'xi xort'oħra ta' xogħol; jew (ċ) bil-ħażen imaqdar il-ħila professjonali ta' avukat jew prokuratur legali jew nutar pubbliku bil-għan li jdawwar xogħol professjonali għal fuq avukat jew prokuratur legali jew nutar pubbliku ieħor."

Jirrizulta li l-konvenut Kai Jochimsen huwa avukat fil-Ġermanja bis-setgħa li jipprattika quddiem il-Qorti ta' Cologne. Ġewwa Malta, fil-kuntest ta' din il-kawża, ma jirriżultax illi l-konvenut ipprattika quddiem il-Qrati Maltin. Kull ma jidher li għamel l-istesss konvenut kien li rriserva isem ta' kumpanija għall-attur. Kellu ukoll xi laqgħat mal-attur rigward post li kellu jinkera f'Ta Qali. Kellu ukoll xi laqgħat ma' estate agent rigward ħanut tal-kafe f'San Ġiljan. Il-konvenut sab għall-attur persuna affidabli, u ċioe ċertu Tony Azzopardi, li kellu jmexxi l-kumpaniji tal-attur, meta dan ikun imsiefer.

Fl-opinjoni tal-Qorti din l-attivita' tal-konvenut ma tinkwadrawx ruhha f'dak li hu provdut fl-aimsemmija artikoli 42 u 43 tal-Kap.10. Inoltre ghandu jigi enfasizzat li l-konvenut hu avukat u kif ddikjara fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2000 (fol,.12) li fil-kwistjonijiet relatati mal-fatti tal-kawża odjerna, huwa aġixxa fil-kapaċità tieghu ta' avukat u l-attur nomine kien il-klijent tieghu. In effettt l-attur nomine jaqbel ma din id-dilkjarazzjoni tal-konvenut. Ghalhekk jirrizulta li l-attur nomine konsapevolment u ghax ried hu qabbad lill-konvenut bhala avukat sabiex jaghtih il-pariri li kellu bzonn. Zgur li ma jistax jinghad li l-konvenut jikkwalifika bhala 'hottab' ghall-finijiet tal-Kapitolu 10. L-ewwel nett il-konvenut hu avukat u jista jipprattika bhala avukat quddiem il-Qrati germanizi. Inoltre, kif gia rilevat, is-servizzi li ta l-konvenut lill-attur nomine ma jaqgħux taħt dak li hemm provdut fl-imsemmi artikolu 42.

Il-konvenut ta’ spjegazzjoni dettaljatat tas-servizzi li hu pprovda lill-attur nomine u jigi osservat li tali servizzi ma jistghux jitqiesu bhala is-servizzi fil-kuntest tal-imsemmijin artikoli tal-Kapitolu 10. Is-servizzi in kwestjoni kienu pjuttost ta’ natura ta’ konsulenza, li normalment avukat jaghti lill-klijent tieghu jkunu fejn jkunu fi kwalunkwe parti tad-dinja. Hu ukoll irrilevanti jekk is-suggett ta’ dawk il-konsulenzi jkunux ser isiru f’xi pajjiz partikolari. L-attur nomine talab is-servizzi tal-konvenut qua avukat u l-konvenut ipprovda tali servizzi u ghalhekk il-konvenut ghandu d-dritt li jithallas. Il-konvenut ma ppresentax atti il-Qorti u ma bedix proceduri quddiem l-istesss Qorti. In vista ta dan kollu l-artikoli in kwestjoni tal-Kapitolu 10 mhux applikabbli ghal dan il-kaz.

Il-konvenuti eccipew ukoll illi l-ammont in kwestjoni cioe’ elf u hames mitt liri maltin (Lm1500) kien gie miftiehem bejn il-partijiet bhala hlas ghal servizzi ta' konsulenza u in parti ghall-hlas ta' servizzi legali moghtija mill-istess Kai Jochimsen f'Malta in konnessjoni ma' xoghol li sar kemm f'Malta kif ukoll il-Germanja. F’dan ir-rigward l-attur xehed li huwa hallas l-imsemmija somma lill-konvenut meta l-istesss konvenut ma pprovda l-ebda servizz in konnessjoni ma' xoghol li kellu jsir Malta. Kif gia gie rilevat hu irrilevanti fejn kellhom isiru x-xogholijiet konnessi ma sevizzi legali li nghataw. Inoltre mhux verosimili dak li qal l-attur li l-konvenut ma tah ebda servizz. In effett mill-provi jirriżulta illi l-attur effettivament ikkonferma u gharaf li kien irċieva servizzi mingħand il-konvenut, tant li l-istess attur qabel li l-konvenut jiirifondi parti mis-somma oriġinarjament imħallsa mill-attur lill-konvenut. Ghalhekk jidher li xi seevizzi in effett gew ipprovduti lill-attur. Sussegwentement il-partijiet, bi ftehim bejnithom, iriducew ulterjorment l-ammont li l-attur kellu ihallas lill-konvenut ghas-servizzi resi lilu u ghalhekk il-partijiet ftehemu li l-kovenut kellu jirrifondi mhux l-ammont kollu li thallas lilu izda s-somma biss ta’ sitt mija u wieħed u għoxrin lira maltin (Lm621), u l-bilanċ kellu jibqa’ għand il-konvenut proprju għas-servizzi li huwa rrenda lill-attur.

Kieku l-attur ma rċieva l-ebda servizz, kif xehed l-istess attur, huwa kien jibqa jinsisti li l-konvenut jirrifondi is-somma kollha mhallsa lilu. .
Il-partijiet oriġinarjament ftehmu illi l-attur kellu jħallas lill-konvenut is-somma ta' elf u ħames mitt lira Maltin (Lm 1,500). Sussegwentament intlaħaq ftehim ġdid bejn il-partijiet fis-sens li l-konvenut kellu jirrifondi lill-attur is-somma ta' sitt mija u wieħed u għoxrin lira maltin (Lm621). Kwindi l-ewwel ftehim originali ma baqax jgħodd u issa jorbot il-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet dwar is-somma ta' Lm621. Hemm qbil bejn il-partijiet li huma wasslu ghall-ftehim li l-konvenut kellu jirrifondi l-imsemmi somma ta Lm621. Ġara pero' illi fil-fatt il-konvenut ma irrifondix l-imsemmija somma miftiehma. L-iskuza li gab il-konvenut ghaliex ma saritx ir-rifuzjoni mhux kredibbli u mhux verosimili. Kieku l-konvenut ried ihallas lura l-ammont in kwestjoni lill-attur huwa seta' ghamel hekk facilment. Fil-kors tal-kawza kemm l-attur kif ukoll il-konvenut iddikjaraw li huma mhux lesti la li jaċċettaw u lanqas li jhallsu s-somma imnaqqsa ta' sitt mitt lira u wieħed u għoxrin lira (Lm 621). Jirrizulta pero' li kien hemm rabta u obbligazzjhoni bejn il-partrijiet dwar is-somma ta'Lm621 u cioe' li l-attur jaccetta jircievi l-imsemmija somma u li l-konvenut ihallas l-istess somma. Kwindi għal dawn ir-raġunijiet, it-talba tal-attur għandha tintlaqa' limitatament fis-sens li l-konvenut ghandu jirrifondi lill-attur is-somma ta' sitt mija u wieħed u għoxrin lira maltin (Lm 621), bl-imghaxxijiet kollha skond il-ligi mid-data ta din is-sentenza.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi, ghal ragunijiet fuq imsemmija, tordna li l-konvenuti jirrifondu lill-attur nomine s-somma ta' sitt mija u wiehedu ghoxrin lira maltin (Lm621) ekwivalenti ghal euro elf erba' mija u sitta u erbghin u tlieta u disghin centezmi

(€1446.93) bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data a' din is-sentenza.

L-ispejjez kollha jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------